**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 531/2020 AF**

**Anna Calleja u Michael Calleja**

**vs**

**Catherine Deguara**

**Maria Victoria Abela**

**Carmel *sive* Charles Calleja**

**Raymond Calleja**

**Rita Cassar**

**Saviour Calleja u Josephine Grech werrieta tad-defunt missierhom Francesco Calleja**

**Teresa Grech**

**Maria Rosaria Cachia**

**Jane Borg**

**Carmelo Calleja iben Carmelo Calleja**

**Carmelo Calleja iben Joseph Calleja**

**Margaret Mallia già Calleja**

**Josephine Borg**

**Doris Calleja**

**Rose Calleja**

**Leli Calleja iben Carmelo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Anna Calleja u Michael Calleja, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 16 ta' Dicembru 2019 Citazzjoni numru: 256/2000/LSO il-Qorti tal-Appell iddecidiet li l-fond immobbli razzett numru 20, Triq Sant'Andrija, s-Swatar, l-Imsida kien jifforma parti mill-assi ereditarji tal-genituri tal-konvenuti (nanniet tal-atturi) u ghalhekk li l-istess konvenuti kienu ko-proprjetarji f'ishma ndaqs ma' missier l-atturi, Nazzareno Calleja li miet fil-mori tal-proceduri u konsegwentement kkundannat lill-istess, missier l-atturi (Nazzareno Calelja), sabiex jaghti liberu pussess u access tal-fond imsemmi lill-odjerni konvenuti, atturi fl-imsemmija kawza.

Minn ezami tal-precitata sentenza jirrizulta li, dik il-Qorti waslet tali konkluzjoni principalment abbazi tal-kontenut ta' affidavits u xhieda, tal-odjerni konvenuti u kif ukoll minn dikjarazzjonijiet maghmula mill-intimata, Catherine Deguara, fuq diversi dokumenti pubblici fejn kien qed jigi indikat li missier l-atturi odjerni kien ihallas kera fuq il-precitat fond favur missieri.

In segwitu ghall-istess sentenza l-atturi saru jafu bi hwejjeg godda li tali guramenti u dikjarazzjonijiet ma kienux minnhom u addirittura foloz u dan kif ser jigi ppruvat waqt l-andament ta' dawn il-proceduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-affidavits u xhieda guramentata maghmula mill-konvenuti fil-precitata kawza jikkontjenu fatti inveritjera u addirittura foloz, *inter alia*, dwar l-allegata hlas ta' kera fuq l-immobbli in kwistjoni.

2. Tiddikjara wkoll li d-dikjarazzjonijiet maghmula minn Catherine Deguara fuq, diversi dokumenti pubblici li jikkoncerna l-immobbli in kwistjoni u kif ukoll

dikjarazzjonijiet ohra fl-istess dokumenti ma kienux korretti jew addirittura foloz.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni bl-imghax legali.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

In linea preliminari jirrizulta li l-gudizzju ma huwiex wiehed integru stante li r-rikorrenti naqsu li jmexxu dawn il-proceduri gudizzjarji kontra persuni ohra li ghandhom kull interess guridiku li jkunu prezenti f'dawn l-atti inkluz Augustin Calleja (rapprezentat minn Maria Rosaria Cachia) u Victor Micallef (rapprezentat minn Catherine Deguara) u hut l-istess rikorrneti ossia Emmanuel Mary u Mark ahwa Calleja.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw taht liema artikolu u ta' liema qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom kif ukoll jindikaw il-*locus standi iudicio* taghhom formalment.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-mertu ta' din il-kawza gja gie deciz kemm f'stadju tal-Prim'Istanza kif ukoll f'stadju tal-Appell. Il-kawza numru 256/2000/LSO fl-ismijiet Catherine Deguara pro et noe et vs Nazzareno Calleja et giet deciza fil-Prim Istanza fis-26 ta' Gunju 2014 u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2019 liema materja llum hija ghalhekk res judicata bejn il-partijiet aktar u aktar meta ma saret l-ebda talba ta' ritrattazzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li huma totalment inveritiera u intiza unikament sabiex iddejjaq lill-intimati. Jidher illi kif jirrizulta mit-tieni premessa rikorrenti jidher li qed isir appell iehor minn dik is-sentenza b'dawn il-proceduri, procedura li hija totalment inammissibbli u inproponibbli. Di fatti r-rikorrenti Anna Calleja giet eskluza mill-wirt tal-genituri taghha filwaqt li z-zewg rikorrenti ghandhom

proceduri gudizzjarji bejnhom u bejn huthom dwar il-wirt tal-genituri taghhom.

Tali vessatorjetà hija evidenzjata minn numru ingenti ta' xhieda indikati mir-rikorrenti intizi ovvjament bl-aktar mod palez biex jistultifikaw kwalunkwe progress fil-likwidazzjoni tal-wirt tal-partijiet.

In oltre, id-dikjarazzjonijiet u/jew affidavits tal-intimati rikorrenti fil-kawza precedenti qatt ma gew attakkati jew intalbet xi dikjarazzjoni simili bhal kif qeghdin jintalbu fil-proceduri odjerni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti naqsu milli jipproducu d-dikjarazzjoni formali mar-rikors guramentat oltre l-allegat affidavits lamentabbli minnhom stess, inkluz kull dokument li huwa fil-pusess taghhom liema dokumentazzjoni ma huwiex producibbli wara li jinghalaq l-istadju iskritt tal-procedura.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2020 il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi limitatament dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2022 ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża bin-numru 256/2000 LSO fl-ismijiet Catherine Deguara pro et noe vs Nazzareno Calleja deċiża in prim'istanza fis-26 ta' Ġunju 2014 u fl-appell fis-16 ta' Diċembru 2019.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti allegati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza limitatament dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi dwar it-tielet eċċezzjoni, u cioè dik ta' *res judicata*, il-Qorti qieset illi permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-26 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet Catherine Deguara pro et noe vs Nazzareno Calleja (Ċitaz Nru. 256/2000) il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fis-sens illi ddikjarat il-fond ossia r-razzett bin-numru dsatax (19) u ghoxrin (20) f'Tower Street, Msida nkluż il-ġardina annessa miegħu tal-kejl ċirca sitt mija u ħamsa u ħamsin punt seba' metri kwadri (655.7m.k.) magħruf bħala "Ta' Cialpas" *sive* Ta' Sqaq it-Torri, jifforma parti mill-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tal-kontendenti, cioè Carmelo u Giuseppa konjuġi Calleja u li l-kontendenti huma ko-propjetarji fi kwoti ugwali bejniethom u kkundannat lill-konvenut sabiex fi żmien tlett (3) xhur jagħtu liberu pussess u aċċess lill-atturi għall-proprjetà imsemmija.

Din is-sentenza ġiet appellata. B'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2019 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2014.

In tema legali jiġi osservat illi l-eċċezzjoni tal-gudikat hija radikata fl-interess pubbliku, maħsuba sabiex tħares iċ-ċertezza ta' jeddijiet li jkunu diġà ġew determinati b'sentenza. Fl-istess waqt din l-eċċezzjoni tagħmilha aktar diffiċli illi jingħataw sentenzi konfliġġenti dwar l-istess materja, jew agħar minn hekk li jitħallew miftuħa kwistjonijiet li jservu ta' dannu għal dawk id-drittijiet ġià determinati b'sentenza.

Meta l-Qorti tiġi biex teżamina l-eccezzjoni ta' *res judicata*, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited:

> *"Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi, kif jissokta jinghad, b'citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (3 ta' Marzu 9 ) "la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o*

*meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata" Ara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tal-5 ta' Novembru 1934 in re: "Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et" mil-liema din is-silta hi mehuda. Taghlim dan riaffermat b' appro azzjoni fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal- ta' Ottubru 992 fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine*."

F'materja ta' ġudikat sabiex jiġi determinat jekk dan kienx jeżisti f'ġudizzju preċedenti jeħtieġ li jiġu sodisfatti tliet rekwiżiti oġġettivi li jridu jikkonkorru:-

i. *eadem res*, jiġifieri l-identità ta' l-oġġett tal-ġudizzju;

ii. *eadem causa petendi*, jiġifieri l-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;

iii. *eadem personae*, jiġifieri, li l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalità.

Għandu jingħad illi dawn it-tlett elementi huma kumultattivi u mhux alternattivi għal xulxin bil-konsegwenza illi jekk jirriżulta nieqes imqar wieħed mill-elementi, tapplika l-massima legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Sabiex din l-eċċezzjoni titmexxa b'suċċess huwa imperattiv illi ċ-ċirkostanzi fil-kawża li għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għal dawk tal-kawża riproposta. Jekk jirriżulta tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni u l-kawża tkun tista' terġa tiġi riproposta mingħajr xkiel. Il-prinċipju kardinali jibqa' dejjem dak illi f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni trid tiġi miċħuda.

Rigward l-*eadem res*, din timplika li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk wieħed għandu jeżamina jekk il-pretensjonijiet imressqa permezz ta' l-azzjoni attriċi ġewx deċiżi jew le minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Jingħad dan għaliex m'għandux ikun hemm ostakolu għal kawża li fiha jkun qiegħed jintalab xi ħaġa differenti minn

dak li jkun intalab fis-sentenza preċedenti. Għandu jingħad ukoll illi dak illi jeħtieġ jiġi stabbilit huwa jekk l-oġġett tat-talba huwiex identiku u dan għaliex jekk l-oġġett huwa biss simili fiż-żewġ kawżi, dan il-fattur m'għandux ixekkel il-prosegwiment tal-kawża.

Fi ftit kliem dak illi jirrikjedi dan l-element huwa li jiġi meqjus jekk il-punt sollevat fil-kawża l-ġdida kienx diġà trattat u deċiż fil-kawża preċedenti.

Riferibbilment għall-każ ta' llum, fondamentalment il-kwistjoni hija dwar il-qasma tal-wirt u allura xi proprjetà għandha tiddaħħal fil-konsistenza tal-assi tad-*decujus*. Il-kawża bin-numru 256/2000 diġà trattat il-materja u tat id-deċiżjoni tagħha in kwantu illi r-razzett bin-numru dsatax (19) u għoxrin (20) f'Tower Street, Msida nkluż il-ġardina annessa miegħu jifforma parti mill-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tal-kontendenti u li għalhekk dan ir-razzett kellu jintradd lura bil-pussess vakanti.

L-ilment tar-rikorrenti odjerni huwa fis-sens illi l-konklużjoni tal-Qorti fil-kawża bin-numru 256/2000 hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet allegatament foloz u inveritjieri. Ir-rikorrenti qegħdin għalhekk jitolbu lil din il-Qorti terġa tiftaħ il-provi sabiex tispezzettahom u tanalizza jekk dawn humiex tassew foloz kif minnhom allegat. Konsegwentement, jekk il-Qorti tasal għal deċiżjoni favorevoli għall-atturi, il-kwistjoni terġa tinfetaħ beraħ.

Il-Qorti tosserva li minkejja li pproponew din il-kawża, ir-rikorrenti donnhom ħadu atteggjament aktar passiv tant li lanqas biss ressqu nota biex jikkontrastaw l-eċċezzjoni in diżamina li hija vitali għall-kawża tagħhom.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-kawża prinċipali u cioè dik bin-numru 256/2000 ġiet intavolata b'att ta' ċitazzjoni tad-9 ta' Frar 2000. L-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fis-26 ta' Ġunju 2014 u cioè erbatax-il sena wara li ġiet intavolata l-kawża. Bħal li kieku dan it-trapass ta' żmien ma kienx suffiċjenti, il-proċeduri komplew twalu bl-intavolar tal-appell liema proċeduri ġew fi tmiemhom bis-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Diċembru 2019. Qajla jista' wieħed jemmen jew jimmaġina kif fuq medda ta' kważi għoxrin sena r-rikorrenti odjerni ma laħqux intebħu bl-

allegata falzità tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-intimati odjerni. Żġur illi matul tant snin li l-proċeduri damu pendenti r-rikorrenti odjerni kellhom biżżejjed żmien biex jiflu il-provi li tressqu fil-kawża bin-numru 256/200 u sabiex konsegwentement jikkontrastawhom u jxejjnuhom.

Il-Qorti tkompli tqis illi anki jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jqis illi r-rikorrenti odjerni ntebħu bl-allegata falzità wara t-tmiem tal-proċeduri inkluż dawk tal-appell, xorta waħda kellhom disponibbli għalihom ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, rimedju li ma sfruttawx – jew għaliex ma riedux jew għaliex qiesu illi ma kellhom ebda bażi biex iressqu talba bħal din.

Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti illi din il-kawża ma hija xejn għajr tentattiv iddisprat da parti tar-rikorrenti sabiex jergġħu jiftħu beraħ il-kwistjoni rigwardanti l-wirt. Tqis però illi l-oġġett u l-bażi tat-talba odjerna diġa ġie trattat u deċiż u huwa ormai *res judicata*.

L-ewwel element tal-azzjoni jirriżulta sodisfatt.

Rigward l-*eadem causa petendi*, dan l-element jirrikjedi li l-kawżali tat-talba l-ġdida tkun ibbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba li diġa ġiet trattata u deċiża. Ta' rilevanza f'dan ir-rigward huwa dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri. Ingħad hekk:

> *"Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-'causa petendi'. ("***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" - FGC. 4 ta' Gunju 1999***).*
>
> *Illi fis-sentenza "***Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine****" (***Ap. 6 ta' Marzu 1950 - XXXIV.I.74***)*

*li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (**Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818**).*

*L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli**' (Ap. 27 ta' April 1953) u cioè li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato**' (**Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65**) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizzjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament'. L-istess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' - 11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555**).*"

Fil-każ ta' llum, il-Qorti tirribadixxi l-fehma ġa espressa minnha, illi r-rikorrenti altru milli kellhom żmien suffiċjenti sabiex jissolevaw il-kwistjoni tal-allegata falzità tad-dikjarazzjonijiet u provi ulterjuri li tressqu fil-kawża bin-numru 256/2000. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jispezzettaw dawk il-provi u dikjarazzjonijiet rigorożament bil-mira aħħarija li jxejnuhom u jġibuhom fix-xejn. Dan in-nuqqas ma jistax issa jilbes libsa ġdida bit-tama li tingħata l-impressjoni ta' fatt ġdid li nibet wara l-għeluq tal-proċeduri oriġinali li kif diġà ingħad damu pendenti għal kważi għoxrin sena.

Il-Qorti tqis għalhekk pjenament sodisfatt anki t-tieni element tal-azzjoni.

L-aħħar element tal-azzjoni jirrikjedi li s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tkun bejn l-istess persuni bħal dawk fil-

kawża riproposta.  F'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju illi s-sentenzi għandhom effett unikament *inter partes*.  Dan ifisser illi jekk parti ma kienitx parteċipi jew rappreżentata fil-kawża li għaddiet in ġudikat ma jistax jingħad illi hija marbuta b'dik id-deċiżjoni.

Ma hemmx dubju illi l-partijiet fil-kawża li għaddiet in ġudikat huma identiċi għal dawk fil-kawża ta' llum – familjari b'dizgwid enormi dwar il-qasma tal-wirt.  Kif eċċepit mill-intimati, ir-rikorrenti ħallew barra xi partijiet li kienu parteċipi fil-kawża deċiża.  Il-Qorti tifhem illi din il-mossa saret bil-ħsieb li tigi evitata eċċezzjoni tar-*res judicata*.  Madanakollu, it-tħollija barra ta' Augustin Calleja li preċedentement kien rappreżentat minn Maria Rosaria Cachia, Victor Micallef preċedentement rappreżentat minn Catherine Deguara u ħut l-istess rikorrenti ossia Emmanuel Mary u Mark aħwa Calleja, mhuwiex ta' xkiel għas-suċċess ta' din l-eċċezzjoni.

Sodisfatti t-tlett elementi li jsawwru l-eċċezzjoni, il-Qorti tqis l-eċċezzjoni bħala mistħoqqa.  Konsegwentement, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni waqt illi tastejni mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

Ghalhekk u ghal dawn ir-ragnijiet, din il-Qorti qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari u tiddikjara l-azzjoni bħala milquta mill-eċċezzjoni ta' *res judicata*.  Konsegwentement, qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG